MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 18**

**It-Tnejn, 30 ta' Ġunju 2025**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn, 30 ta' Ġunju 2025 fil-3:30 ta wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**18.1 Talba;**

18.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-03:30 ta wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

.

**18.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

18.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT18.10, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 18**

**It-Tnejn, 30 ta' Ġunju 2025**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn, 30 ta' Ġunju 2024 fil-3:30 ta wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**18.1 Talba;**

18.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-03:30 ta wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**18.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

18.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**18.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

18.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 16 u 17 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

18.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonjijiet għall-minuti.

18.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**18..4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

18.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 14/20025 għall-perjodi bejn is-06 ta' Ġunju 2025 u t-30 ta' Ġunju 2025 li tammonta għal €18,645.37 ġiet approvata u iffirmata.

**18.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

18.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, xtaq jipproponi li din is-sena nerġaw norganizzaw *Autumn Funland.* Hu issuġġerixxa li ntejbu il-livell ta din l-attivita' u napplikaw għal fondi minn l-*Events in Gozo.* Il-kunsill qabel u ġie deċiż li nzommu mal-istess żmien tas-sena u li fil-laqgħa li ġejja niddiskutu aktar fid-dettal din l-attivita'.

18.5.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li illum irċivejna l-aħħar stima li kienet dik tat-trasport għas-safra li kien qed jippjana il-Kunsill. Ġie imsemmi ukoll il-fatt li l-Kappillan ser jagħmel safra hu ukoll u li issa iz-zmien daħal sew għalhekk ġie deċiż li din is-sena nħassru l-pjanijiet ta safra u nerġaw nikkunsidrawha is-sena d-dieħla.

18.5.3 Is-Sindku ippropona li minflok is-safra norganizzaw *Weekend Break* għal-Ottubru jew Novembru. Hu semma li waqt l-attivitajiet ta l-anzjani kienu diversi li staqsewh biex jorganizza *weekend break.* Wara diskussjoni ġie deċiż li naraw ftit xi attivitajiet li jkunu organizzati dawk iz-zminijiet u li għalihom nistaw nattendu u dan il-punt jerġa jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

18.5.4 Is-Sindku ippreżenta tlett stimi għall-*gate tal-Playing Field* li hi relatata mas-suġġeriment li kien għamel il-kunsillier Carmelo Micallef. Din l-istima ħadet ftit taż-żmien peress li qed nikkunsidraw li l-*gate* tkun b' disinn li hu relatat mar-raħal. L-istimi preżentati ma jinkludux iz-zebgħa li hu rrikamondat li jsir minn artist. Ġie innotat li fuq l-istima li hi l-aktar vantaġġuża ma hemmx miktub l istess dettalji u għalhekk ġie deċiż li nikkonfermaw li ser jintuża l-istess proċess qabel ma ssir deċiżjoni.

**18.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

18.6.1 Il-Viċi Sindku, is-sinjura Ivana Mizzi semmiet li r-resident li xtaq jitwessa l-ħajt tas-sejjieħ ġab xi karti l-kunsill. Waqt diskussjoni fuq dan il-punt, il-kunsill qabel li din l-materja trid tiġi mressqa lil *Lands Department* u hu biss wara li jkun hemm konferma minn dawn id-Dipartiment li l-kunsill jista' jibda jiddiskuti din il-proposta.

18.6.1.1 Is-Sinjura Ivana Mizzi xtaqet aġġornament ta x' qed issir fuq dik il-bozza ta Wied Siekel. Is-Sindku ikkonferma li fil-prezent il-kunsill qed jitkellem ma l-Inġinier dwar din il-bozza u oħrajn li kelna u l-Inġinier ser ikun qed jmur fuq il-post biex jara x' jista jsir. Waqt din id-diskussjoni ġie imsemmi l-punt li din il-bozza kien l-istess resident li għamel minn kollox biex il-bozza li kien hemm tinqala'.

18.6.1.2 Is-Sinjura Ivana Mizzi xtaqet ukoll aġġornament fuq il-fanali ta Triq il-Kappillan Hili. Is-Sindku reġa informa li fil-prezent qed issir il-BOQ biex inkunu nafu x spejjez hemm involuti u naraw eventwalment jekk nistawx ninkludu dan il-proġett fi skema ta fondi.

18.6.1.3 Is-Sinjura Ivana Mizzi xtaqet ukoll aġġornament fuq il-korsijiet tal- *Keep Fit.* Is-Sindku informa li fil-prezent l-amminstrazzjoni qed tiffoka fuq l-iskema li ser napplikaw għal-fondi għaċ-Ċentru Ċiviku u kif din titlesta nibdew naħdmu fuq dawn il-korsijiet.

18.6.2. Il-kunsillier Joseph Merieca xtaq jinforma li l-Kummissjoni ser tkun qed tibgħat ittra uffiċjali biex titlob permess li tuża is-sala għal- Laqgħa Generali Anwali u għal- *Games Night.* Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u għalhekk meta tintbgħat din l-ittra tkun tista tintbgħat risposta minnufih peress li qed joqrob iz-zmien.

18.6.2.1 Il-kunsillier Joseph Mercieca ikkonferma li hu kellem lis-Sindku aktar kmieni biex nitolbu rondi aktar spiss mill-Puluzija tal-Komunita'

minħabba ċirkustanzi fi Triq L-Isptar San Ġiljan. Is-Sindku ikkonferma li hu ukoll irċieva diversi ilmenti minn storbju u ċirkostanzi oħra f'din it-triq. Is-Sindku ikkonferma li hu diġà ressaq l-ilmenti lil-*Community Police* għal rondi aktar spiss.

**18.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;**

18.7.1 Is-Segretarju xtaqet tinforma lill-Kunsill li illum irċivejna l-*Grant Agreement* iffirmat li bih jikkonferma li aħna ser inkunu qed nibenefikaw minn €20,000.00 għal- iskema *SPI/SCI/02/2025*.

18.7.2 Is-Segretarju għamlet referenza għal-ittra elettronika oħra li rċievit mingħand ir-resident Mr. Emanuel Cordina. Il-Viċi Sindku issuġerit li niltaqaw ma Mr. Cordina u l-persuna li ser jwaqqa l-propjeta bħala kunsill. Il-membri tal-kunsill idduskutew il-materja, ġie diskuss il-fatt li l-awtorita tal-Ipjanar kellha żmien fejn wieħed jista jikkuntesta dan l-izvilupp u dan diġà għadda peress li l-permess diġà nħareġġ. Il-Kunsill ikkonferma li din is-sitwazzjoni mhux fil-kompitu tiegħu u li hu m'għandu l ebda poter jibdel din is-sitwazzjoni, dan seta kien diskuss qabel u seta kien hemm possibilità li l-Kunsill isemma leħnu fuq dan il-punt. Ġie deċiż li nirrispondu għal din l-korrispondenza u nagħtu informazzjoni tal-MGOZ fid-dawl li ser issir it-triq u l-Lands Dept peress li dawn huma l-entitajiet kompetenti li jistaw jgħinu lir-resident f'din is-sitwazzjoni.

18.7.3 Is-Segretarju ikkonfermat dak li qal l-avukat tal-Kunsill dwar l-ikel tal-qtates. Ġiet moqrija l-ittra ukoll fil-laqgħa sabiex l-membri kollha ikunu jafu x tgħid il-ligi f dan ir-riqward.

18.7.4 Is-Segretarju infurmat lill membri li l-familja tal-mibki Dario Sapiano bgħatet tirringrazzja lill-Kunsill għal ġest ta rispett li wriet permezz tal-fjuri li ntbgħatu għal-funeral.

18.7.5 Is-Segretarju fakret lil membri dwar korrispondenza mir-Reġjun Għawdex dwar il-*Ukraine children Summer camp*. Ġie diskuss x' jista issir u li hemm bżonn pjan ta kif ser nqattaw il-ħin ma dan il grupp kif ukoll id-dati possibbli. Is-Sindku ikkonferma kemm kienet esperjeza sabiħa is-sena l-oħra u anke il-kunsillier Joseph Mercieca li flimkien qasmu u ippjanaw din l-attivita. Is-Sindku staqsa minn jixtieq ikun miegħu din is-sena waqt din l-attivita u il-kunsillier Joseph Mercieca ikkonferma filwaqt li semma xi pjanijiet li jistaw jagħmlu din is-sena.

18.7.6 Is-Segretarju xtaqet tiġbed l-attenzjoni fuq *email* li l-kunsill irċieva mingħand il-Kappillan li biha xtaq jirringrazzja lill-kunsill għas-sapport matul iz-zmien tal-festa 2025.

18.7.7 Is-Segretarju għamlet referenza għall-korrispondenza tar-resident fuq *dangerous driving*. Hi infurmat lill membri li din il-korrispondenza ġiet mgħoddija lill- *Community Police.* Hu ikkonferma li ser ikun qed jittawwal aktar spiss, hu ġibed ukoll l-attenzjoni tagħna rigward *signage* li hemm fuq il-post u li m'hux konformi mall-liġi.

18.7.8 Is-Segretarju infurmat lill membri li l-AED *machine* ġiet approvata u ser jagħmlu kuntatt magħna meta jkun wasal iz-zmien li titwaħħal. Il-magna ġdida ser tkun installata fuq iz-zuntier minflok dik preżenti, u għal dik preżenti irridu nsibu post alternattiv. Ġew diskussi xi ideat iżda ġie deċiż li nerġaw nitkellmu fuq dan il-punt fil-laqgħa li jmiss.

18.7.9 Is-Segretarju għamlet referenza għal dik il-kaxxa tad-dawl imwaħħla ma dar fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi li konna tlabna informazzjoni dwarha lil Enemalta. L-Enemalta ikkonfermat li dik hi tagħna u tissupplixxi d-dwal tal-fanali. Huma xtaqu jkunu jafu fejn nixtiequ li mmexxu din il-kaxxa.

**18.8 Aġġornament tal-Proġetti u Proġetti ġodda;**

18.8.1 Is-Sindku xtaq jinforma li l-proġett miexi bil-mod peress li l-kuntrattur qed jgħid li l-ġebla skarsa. Hu ikkonferma li aħna għandna bżonn li l-ġebla tkun kemm jista jkun ta kwalità tajba peress li l-faċċata ser tkun prominenti.

18.8.2 Dwar il-proġett ta taħt ir-*railing* kien wieqaf peress li konna qed nistennew li jitlesta l-BOQ tal-*culvert* tal-parti t'isfel li l-kunsill kien qabel li jitlob stima tax-xogħol. L-BOQ waslet u hi ta €30,000.00 li hi spiża kbira għal dan il-parti. Is-Sindku ippropona li nitolbu is-sapport tal-MGOZ għal din il-parti. Hu zied jgħid li jekk din il-parti ma ssirx il-*culvert* li sar qabel bi spiża ta 70K ikun sar għalxejn. Il-membri ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

18.8.3 Is-Sindku iddiskuta ukoll BOQ oħra relatata ma l-istess proġett li tirrigwarda il-ħajt. Il-perit ikkonferma li dan il-ħajt għandu jsir fuq il-fil u l-BOQ ġiet €14,894.90. Is-Sindku ikkonferma li dan il-ħajt irrid issir biex il-proġett ikun komplut. Il-kunsillier Horace Micallef ikkonferma li dan il-ħajt ma jistax issir fuq il-fil minħabba il-mod ta kif inhu mibni.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Għalhekk ġie deċiż li nitolbu stima biex dan il-ħajt jiġi miksi u mizbugħ niddiskutuwa fil-laqgħa li jmiss. Is-Sindku wera id-dizappunt tiegħu li proġett bħal dan ġie jiswa daqshekk flus u ma jidhirx li jiswa daqshekk.

18.8.4 Is-Sindku, Thomas Mizzi ippreżenta l-BOQ tal-iskema SPI/SCI/07/2025. Dan ġie stmat €188,961.87 eskluz il-VAT. Hu fakkar li l-massimu tal-iskema hu ta €100,000 inkluz il-VAT. Hu talab li jiġi diskuss dan il-punt biex inkunu nistaw niproċedu bl-applikazzjoni jekk il-Kunsill japprova li d-differenza tiġi mħallsa mill fondi tal-Kunsill. Il-membri qablu unanimament.

**18.9 Evalwazzjoni tal-Festa 2025;**

18.9.1 Is-Sindku esprima is-sodisfazzjon kemm għal- Festa Tfal kif ukoll Festa Anzjani kienu ta suċċess. Festa Tfal irnexxiet filgħaxija matul il-ġimgħa tal-festa u skond il-kunsilliera kienet l-isbaħ li saret sa issa. Fuq Festa Anzjani irċivejna ħafna kummenti sbieħ minn dawk li attendew.

**18.10 Avveniment "Gozo Region of Culture";**

18.10.1 Is-Sindku informa lil membri li għal-attivita ta "Gozo Region of Culture" ġiet magħżula d-data tas- 06 ta' Awwissu. Il-fond allokat hu ta €5,000.00. Din l-attivita kienet se tkun bis-sapport tar-Reġjun Għawdex iżda minħabba li l-*Artistic Director* m'għadux impjegat mar-Reġjun ġejna mitlubin norganizzaw avveniment aħna. Is-Sindku flimkien mal-kunsillier Carmelo Micallef kienu preżenti għal-laqgħa u iddiskutew possibilità li norganizzaw programm li jaħbat ukoll fil-festa tas-Salvatur. Il-program ser ikun ta sagħtejn fejn ser ikun hemm banda idoqq xi marċi tal-festa u jintwera *clip* dwar il-logħob tan-nar matul is-snin. Nistaw ninvolvu lil tal-armar biex jagħmlu dwal fuq iz-zuntier, il-kummissjoni jarmaw *bar* biex ibigħu xorb u xi pastizzi. Wara diskussjoni ġie deċiż li niproċedu u nagħmlu dan il-programm u naraw li nzommu mal-*budget.*

**18.11 Attivita' Mejju 2026;**

18.11.1 Is-Sindku informa lil fil-ġimgħat li ġejjin ser nibdew naħdmu fuq din l-attivita u nitkellmu lil produtturi tal-ġelat u lil *bands* biex nassiguraw li jkunu disponibbli għal dik id-data. Is-Sindku semma il-grupp Kantera u ser naraw humiex available għal dik id-data. Ser inkunu qed naraw ukoll minn ikun qed jiftaħ is-serata. Matul il-laqgħat li ġejjin inkunu qed naġġornaw lil membri fuq il-proċess.



KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**18.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-05:30 ta' filgħaxija. Ġie deċiż il-laqgħa li jmiss tkun nhar il-Ħamis 24 ta' Lulju fit-03:30 p.m.

Konfermati, llum, il-Ħamis, 24 ta' Lulju 2025.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA